# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM il-Ħamis, 28 ta' Jannar, 2016

**Kawża Nru. 57**

**Rik. Nru. 827/2011JRM**

**GASANMAMO INSURANCE LIMITED** hekk kif issurrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħha Simon Paċe sija bil-polza u sija bil-liġi, kif ukoll l-istess Simon Paċe

vs

**KUNSILL LOKALI KIRKOP** u Awtorita' għat-Trasport f'Malta

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-24 ta' Awissu, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi talbu li l-Qorti (a) ssib li l-imħarrkin, jew min minnhom, jaħtu għall-inċident li seħħ nhar l-24 ta' Diċembru, 2008 fil-mini ta' Ħal Kirkop meta l-vettura tal-attur Simon Paċe bin-numru tar-reġistrazzjoni CIA 025, minnu misjuqa, waqgħet ġo ħofra li tħalliet fuq wiċċ it-triq bla dwal u lqugħ; (b) tillikwida, jekk meħtieġ billi taħtar perit għal dan il-għan, id-danni li ġarrbu l-atturi fl-ammont ta' tnax-il elf, mitejn erbgħa u sittin Ewro, tlieta u tletin ċenteżmu (€12,264.33) jew kwalunkwe somma oħra verjuri; u (ċ) tikkundanna lill-imħarrkin, jew lil

min minnhom, għall-ħlas tal-imsemmija somma bħala danni. Talbu wkoll l-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tas-6 ta' Jannar, 2010 flimkien mal-imgħaxijiet legali;

Rat id-digriet tagħha tal-1 ta' Settembru, 2011[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat in-nota mressqa mill-atturi fid-19 ta' Settembru, 2011[2];

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-3 ta' Ottubru, 2011, li biha l-imħarrek Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju peress illi t-triq fejn seħħ l-inċident hija triq arterjali u ma taqax f'idejh. Fil-mertu, laqa' billi ċaħad li kellu xi sehem fl-inċident, u tenna illi d-dannu li l-atturi jmisshom jippruvaw id-danni li jgħidu illi ġarrbu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fis-7 ta' Ottubru, 2011, li biha l-imħarrka Awtorita' għat-Trasport f'Malta (minn issa 'l quddiem imsejħa "l-Awtorita'") ċaħdet kull responsabbilta' dwar ix-xilja għall-ħsara mġarrba mill-atturi bħala li hija bla bażi kemm fil-fatt u fid-dritt, kif ukoll kif maħsub fir-Regolament 8 tar-Regolamenti Dwar Toroq Ġodda u Xogħlijiet f'Toroq[3];

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Diċembru, 2011[4], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistenta Ġudizzjarja biex tisma' x-xhieda tal-partijiet;

Rat id-digriet tagħha tal-31 ta' Ottubru, 2012[5], li bih għar-raġunijiet hemm imsemmija ċaħdet talba magħmula mill-Awtorita' b'rikors tagħha tat-12 ta' Settembru, 2012[6], biex taħtar perit tekniku biex jirrapporta u jiddetermina kif seħħ l-inċident u b'kemm kien qed isuq l-attur Paċe f'dak il-ħin;

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' Jannar, 2013[7], li bih għar-raġunijiet hemm imsemmija ċaħdet talba magħmula mill-Awtorita' b'rikors tat-30 ta'

[1] Pagg. 30-31 tal-process
[2] Pagg. 36-37 tal-process
[3] Legislazzjoni Sussidjarja 499.57
[4] Pag. 46 tal-process
[5] Pag. 165 tal-process
[6] Pag. 156 tal-process
[7] Pag. 175 tal-process

Novembru, 2012[8], fejn talbet l-awtorizazzjoni tal-Qorti biex titħalla tappella mid-digriet tagħha tal-31 ta Ottubru, 2012;

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqa quddiem l-Assistent Ġudizzjarju mill-partijiet;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukat tal-atturi (reġistrata u traskritta)[9];

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Ġunju, 2013[10], li bih tat żmien lill-imħarrkin biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bi tweġiba għat-trattazzjoni tal-avukat tal-atturi;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-Awtorita' mħarrka fil-31 ta' Lulju, 2013[11];

Rat li l-Kunsill imħarrek baqa' ma ressaq l-ebda sottomissjoni minkejja li ngħata żmien biżżejjed biex jagħmel dan;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-digrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat*:**

Illi din hija azzjoni għad-danni mnissla minn inċident li seħħ fi triq pubblika. L-attur Simon Paċe, sid ta' karozza assikurata mal-kumpannija attriċi, kellu inċident meta kien qed isuq il-karozza tiegħu mill-mini ta' Ħal Kirkop u daħal f'ħofra mdaqqsa li tħalliet bla dwal jew ilqugħ. Il-kumpannija attriċi (aktar 'il quddiem imsejħa "GMI") kopriet lill-attur għall-kumpens għall-ħsara li ġarrbet il-karozza u trid li l-imħarrkin, jew min minnhom, iwieġbu għan-nefqa, minħabba li tqis li ma sarux it-tiswijiet meħtieġa fit-triq mill-imħarrkin u talli ħallew ix-xogħlijiet b'mod li min ikun għaddej ma jintebaħx bihom. L-attur Paċe huwa assigurat ma' GMI taħt polza '*comprehensive*'. L-atturi jitfgħu l-ħtija kollha ta' dan l-inċident fuq l-imħarrkin;

[8] Pag. 167 tal-process
[9] Paġġ. 213A – 213D tal-proċess
[10] Pag. 214 tal-process
[11] Pagg. 215 – 222 tal-process

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi qalu illi l-azzjoni fil-konfront tal-Kunsill Lokali Kirkop saret għalxejn għaliex l-inċident seħħ fi triq arterjali li ma taqax f'idejh. L-Awtorita' mħarrka, min- naħa tagħha, tilqa' billi tgħid li t-talbiet attriċi m'humiex mistħoqqa peress illi huma bla bażi fil-fatt u fid-dritt, kif ukoll minħabba dak li hu mahsub fir-regolament 8 tar-Regolamenti Dwar Toroq Ġodda u Xogħlijiet f'Toroq;

Illi għal dak li jirrigwarda **fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża** relevanti għall-każ odjern, jirriżulta li l-attur Simon Paċe huwa sid il-karozza, tal-għamla *Porsche 987 Boxster*, bin-numru tar-reġistrazzjoni CIA025, li hija assigurata b'polza *comprehensive* ma' GMI[12];

Illi nhar l-24 ta' Diċembru, 2008, għall-ħabta tas-sagħtejn ta' filgħodu (2.00 a.m.), l-attur kien qed isuq minn taħt il-mini ta' Ħal Kirkop fid-direzzjoni lejn Ħal Luqa, meta fuq in-naħa ta' ġewwa tat-triq ftit 'il barra mill-mini, kien hemm ħofra, baqa' dieħel fiha, faqa' r-rota ta' quddiem tan-naħa tal-passiġġier u tela' l-bankina. Il-karozza daret u spiċċat tħares lura lejn minfejn kienet ġiet[13]. L-attur jgħid illi kien hemm nuqqas ta' dawl fit-triq[14]. Dak inhar tal-inċident, il-karozza kienet ilha biss ftit żmien li nħarġet fuq it-triq u kienet għadha għamlet tlitt elef erba' mija u erbgħa u għoxrin kilometru (3,424 km)[15];

Illi fuq il-post issejjaħ il-*warden* fejn ħejja rapport[16]. Ittieħdu ritratti tat-triq bil-ħofra fiha[17], kif ukoll tal-ħsara li ġarrbet il-karozza[18]. L-attur jgħid li kien qed isuq bil-ħamsin kilometri fis-siegħa (50 k.f.s.)[19]. Is-*Surveyor* ta' GMI rabat id-daqqa u l-ħsara li ġarrbet il-karozza mat-tisbita li l-karozza kellha ma' bankina fit-triq[20]. Jgħid illi l-ħsara, għalkemm kienet estensiva, kienet tissewwa[21]. Huwa jispjega d-differenza bejn il-*parts* indikati minnu fis-*Survey Report*[22] u dawk li jissemmew taħt '*Parts Order*'[23]: filwaqt li tal-ewwel ikunu ħsarat li jidhru mad-daqqa t'għajn minn barra, tat-tieni huma ħsarat illi joħorġu meta l-karozza tiżżarma għat-tiswija[24];

[12] Ara Dok "GMI 3" u Dok. "GMI 4" f'pagg. 11 u 19 tal-process għad-dettalji marbuta mal-karozza
[13] Pagg. 61 – 63 tal-process
[14] Pag. 61 tal-process
[15] Ara Dok "GMI 3", f'paġ. 11 tal-proċess
[16] Dok. "CC.1" f'pagg. 48 – 51 tal-process
[17] Dokti. "GMI 7" u "GMI 8" f'pagg 28 – 9
[18] Pagg. 13 – 8 tal-process
[19] Pag. 94 tal-process
[20] Pag. 87 u 89 tal-process
[21] *Ibid.*
[22] Dok. "GMI 3" f'pagg. 11 – 2 tal-process
[23] Dok. "GMI 4" f'pagg 19 – 22 tal-process
[24] Pag. 88 tal-process

Illi n-nefqa biex issewwiet il-karozza tal-attur telgħet għal tnax-il elf, mitejn sitta u tletin ewro u erbgħa u tmenin ċentezmu (€12,236.84)[25]. Minn din is-somma tħallset is-somma ta' ħames mija u ħamsa u tmenin ewro (€585.00) bħala *excess* mill-attur lil GMI[26]. B'żieda ma' din is-somma, kien hemm ukoll dik ta' sebgħa u għoxrin ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmi (€27.49c) mħallsa minn GMI lis-*Surveyor* imqabbad minnha. B'kollox, għalhekk, in-nefqa kollha telgħet għal tnax-il elf, mitejn u erbgħa u sittin ewro u tlieta u tletin ċentezmu (€12,264.33)[27];

Illi fis-6 ta' Jannar, 2010[28], l-atturi bagħtu ittra uffiċjali lill-imħarrkin biex jitolbuhom iħallsu d-danni mġarrba fl-inċident, għal liema talba fit-22 ta' Frar, 2010[29] wieġeb il-Kunsill Lokali mħarrek fejn ċaħad li huwa kien b'xi mod jaħti għal dak li ġara. L-Awtorita' mħarrka qatt ma bagħtet tweġiba u fl-24 ta' Awissu, 2011[30], l-atturi fetħu dawn il-proċeduri;

Illi l-Awtorita' mħarrka tikkonferma illi t-tiswijiet meħtieġa tat-triq fejn ġara l-inċident taqa' f'idejha[31]. Hija tispjega kif xogħlijiet rimedjali f'dik it-triq saru mill-Awtorita' fit-30 ta' Novembru, 2008 u fit-13 ta' Jannar, 2009[32] permezz ta' traqqigħ ('*patching works*') b'taħlita ta' asfalt kiesaħ skond kif jitlob li jsir mill-i"*specifications for Road Works*"[33]. Hija tikkonferma wkoll illi ma daħlilha ebda rapport ta' xi inċident ieħor f'dawk l-inħawi fis-sena 2008[34];

Illi għal dak li jirrigwarda **l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali** jibda biex jingħad li din l-azzjoni ta' danni tirreferi għal xilja li l-ħsara mġarrba hija dovuta għal nuqqas ta' żamma kif jixraq ta' triq pubblika b'nuqqas ta' tiswija illi kellha ssir minn awtorita' pubblika jew enti governattiva. Ir-rimedju li qed ifittxu l-atturi huwa dak li joħroġ mid-delitt jew kważi-delitt li jorbot lil kull persuna li tagħmel tajjeb għall-hsara li tiġri bl-egħmil (jew nuqqas ta' egħmil) tagħha[35]. Din ir-regola ġenerali torbot ukoll lill-Gvern jew entitajiet pubbliċi[36];

Illi meta enti pubblika, fil-qadi ta' dmirijietha, kemm jekk huwa ta' eżekuzzjoni ta' xogħlijiet, jew twettiq ta' xogħlijiet rimedjali ta' opri

---

[25] Pag. 77 tal-proċess, flimkien mal-irċevuti immarkati bħala Dokti. "X.1" u "X.2" f'pagg. 206 u 207 tal-proċess
[26] Pag. 77 tal-process
[27] Pag. 2 tal-process
[28] Dok. "GMI 2" f'pag. 9 tal-process
[29] Dok. "MBB.1" f'pag. 74 tal-process
[30] Rikors Maħluf f'pagg. 1 – 29 tal-process
[31] Pag. 194 tal-process
[32] Dok. "EMA" f'pagg 150 – 1 tal-process
[33] *Design and Construction Standards for Road Works*, Vol. 1: *Specifications for Road Works*, pg. 22 anness bħala Dok. "EMA.1" f'pag. 149 tal-process. Ara wkoll Regolament 7(1) tal-A.L. 29 tal-2010: Regolamenti dwar Toroq Ġodda u Xogħlijiet f'Toroq (L.S. 499.57), kif emendat.
[34] Pag. 162 tal-process
[35] Art. 1031 tal-Kap. 16
[36] App Ċiv. **28.2.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Micallef vs Direttur tax-Xogħlijiet***

pubbliċi, viġilanza u tal-kontroll, hija mistennija illi tuża l-prudenza, għaqal u ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja kif stabbilit mill-artikolu 1032 tal-Kodiċi Ċivili[37];

Illi l-liġi teħles mir-responsabbilta' ta' xi egħmil li jġib il-ħsara dak kollu li jiġri minħabba aċċident jew minħabba forza maġġuri[38]. Madankollu, ma jitqiesx li jkun seħħ b'aċċident dak li jiġri mill-fatt, pożittiv jew negattiv, tal-bniedem[39] u li, fuq kollox, ikun imbassar minn qabel minn persuna ta' dehen ordinarju[40] jew, għallanqas, ikun jista' jiġi evitat[41]. Min-naħa l-oħra, dak li jitnissel minn forza maġġuri huwa fatt li jiġri u li ma jista' jiqaflu ħadd[42];

Illi meta l-parti mixlija bi ħsara tgħid li ma kinitx taħti minħabba l-aċċident jaqa' fuqha l-piż li tipprova dawn iċ-ċirkustanzi. F'dan ir-rigward, l-Awtorita' mħarrka tistrieħ fuq tliet fatturi prinċipali: l-ewwel wieħed hu, illi ġranet qabel u wara l-inċident hija għamlet xogħlijiet rimedjali fit-triq fejn ġara l-inċident; it-tieni, illi x-xogħlijiet magħmula minnha saru skond is-sengħa u l-ħila u dan skond l-i*specifications* applikabbli għal xogħlijiet fit-toroq; u t-tielet, illi hija ma kienet irċeviet ebda ilment tul is-sena 2008 marbut ma' xi inċident ieħor li seta' sehh f'dawk l-inħawi. L-Awtorita' mħarrka tisħaq illi hija rnexxielha tilħaq il-prova mistennija minnha fir-Regolament 8 tal-Avviż Legali 29 tal-2010;

Illi bi tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmi Avviż Legali, il-Qorti tqis li l-parametri tal-istħarriġ li għandu jsir huma mfissra fil-liġi nnifisha. Hekk naraw li l-liġi tgħid li f'każijiet dwar korriment jew ħsara b'riżultat ta' xi nuqqas min-naħa tal-Awtorita' jew ta' Kunsill Lokali li jżommu fi stat tajjeb xi triq li taqa' taħt is-setgħat tagħhom, tista' tinġab prova li l-Awtorita' jew il-Kunsill li jkun ikunu ħadu ħsieb b'mod raġonevoli fiċ-ċirkostanzi li jiżguraw li jkunu ttieħdu l-miżuri xierqa biex il-parti tat-triq fejn ikun seħħ inċident ma tkunx ta' periklu għat-traffiku[43], u kif ukoll li l-korriment jew il-ħsara mġarrba jkunu riżultat tax-xogħlijiet li jkunu saru f'dik il-parti tat-triq u minn xiħaġa li seħħet qabel il-bini mill-ġdid jew mit-titjib ta' dik il-parti tat-triq "skond xi ħtieġa rilevanti"[44]. Fil-każ fejn l-Awtorita' jew il-Kunsill li jkun iressqu d-difiża li għamlu dak li kien meħtieġ biex ibegħedu lit-traffiku mill-periklu li jista' jinħoloq bix-

[37] App. Inf. EG **30.9.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***GasanMamo Insurance Limited et vs Kunsill Lokali Siġġiewi et***, u r-referenzi hemm imsemmija
[38] Art. 1029 tal-Kap. 16
[39] P.A. **17.5.1902** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech noe vs Gatt noe et*** (Kollez. Vol. **XVIII.ii.164**)
[40] App. Ċiv. **16.11.1942** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond noe vs Busuttil pro et noe*** (Kollez. Vol. **XXX1.i.554**)
[41] App. Ċiv. **14.1.1919** fil-kawża fl-ismijiet ***Azzopardi vs Arcicovich et*** (Kollez. Vol. **XXIV.i.172**)
[42] App. Ċiv. **7.6.1940** fl-kawża fl-ismijiet ***Borġ Falzon pro et vs Darmanin pro et noe*** (Kollez. Vol. **XXX.i.869**)
[43] Reg. 8(1)(a) tal-A.L. 29/2010
[44] Reg. 8(1)(b) tal-A.L. 29/2010

xogħlijiet, hu mistenni (ir-regolament juża l-kelma "għandha") li l-Qorti tqis iċ-ċirkustanzi msemmija fis-subinċiż (2) tar-Regolament 8;

Illi fid-dawl tal-provi mressqa, il-Qorti hi tal-fehma li, f'dan il-każ, jidher illi t-triq fejn seħħ l-inċident hija waħda li tintuża b'mod kontinwu u għaldaqstant huwa mistenni illi t-triq tinżamm fi stat tajjeb sabiex jiġu evitati inċidenti. Jirriżulta wkoll illi l-Awtorita' mħarrka kienet taf bl-eżistenza tal-ħofor f'din it-triq arterjali[45] u ħadet ħsieb illi tagħmel xogħlijiet rimedjali (xogħol ta' traqqigħ ta' wiċċ it-triq[46]) ftit jiem qabel l-inċident[47], iżda dan ma jeħlishiex milli tibqa' tieħu ħsieb li minn żmien għal żmien tagħmel dawn ix-xogħlijiet meħtieġa[48]. Il-fatt innfisu illi ħareġ mill-provi li, jiem biss wara l-inċident li fih kienet imdaħħla l-karozza tal-attur Paċe, l-Awtorita' reġgħet għamlet xogħlijiet ta' tiswija fit-triq juri kemm tassew illi t-triq ma kinetx fi stat tajjeb;

Illi fis-sottomissjonijiet tagħha[49], l-Awtorita' mħarrka tressaq l-argument li ladarba ntwera li hija kienet ħadet ħsieb tagħmel ix-xogħlijiet ta' tiswija regolarment, b'hekk hija nħelset minn kull responsabbilta' għaliex wettqet dmirha. Ressqet ukoll rassenja ta' deċiżjonijiet biex issaħħaħ dan l-argument. Il-Qorti tqis li l-fatt li l-Awtorita' twettaq dmirha huwa sewwa u ta' min japprezzah, imma dan ma jfissirx li b'daqshekk ikun ifisser li, jiġri x'jiġri, l-Awtorita' tkun inħelset darba għal dejjem milli tara li dak li ntrabtet bih trid tibqa' tosservah bla waqfien. Issa, mix-xhieda ta' wieħed mir-rappreżentanti tagħha[50] ħareġ ċar li x-xogħol li sar biex traqqa' l-wiċċ tat-triq fil-bidu ta' Diċembru 2008 kellu jerġa' jsir fil-bidu ta' Jannar tal-2009. Dan ifissru minħabba li t-traqqigħ isir bl-asfalt kiesaħ li jinqala' tista' tgħid mill-ewwel ma' kull xita li tagħmel. Din ix-xhieda turi li l-ħtieġa ta' manutenzjoni kontinwa xxejjen l-argument li x-xogħlijiet kienu saru u r-responsabbilta' mwarrba. Turi wkoll li huwa verosimili li dak li jgħid li ġralu l-attur Paċe huwa minnu;

Illi tqajjem ukoll il-punt mill-Awtorita' mħarrka illi l-attur kien qiegħed isuq b'mod eċċessiv u għaldaqstant dan seta' wkoll ġab il-ħsara b'idejh bl-aġir tiegħu stess[51]. L-Awtorita' torbot din id-difiża mal-fatt illi l-attur stqarr mal-*warden* illi kien tilef il-kontroll tal-karozza;

Illi l-liġi trid li fejn il-parti li tkun ġarrbet il-ħsara tkun hija stess li ikkontribwiet għad-danni b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta'

---

[45] Xhieda ta' Ronald Żammit f'paġġ. 139 u 141 tal-proċess
[46] Dok "EMA", f'paġġ. 150 – 1 tal-proċess
[47] Xhieda tal-A.I.Ċ. Edric Micallef f'paġ. 133 tal-proċess
[48] App. Inf. P.S. **22.11.2006**, fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Falzon vs Kunsill Lokali Iklin***
[49] Paġġ. 219 – 220 tal-proċess
[50] Xhieda ta' Ronald Żammit f'paġ 142 tal-proċess
[51] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Awtorita' mħarrka f'paġġ. 215 – 8 tal-proċess

ħsieb jew tkun tat sehem jew okkażjoni għal dik il-ħsara, il-Qorti hija mogħtija d-diskrezzjoni li tqis f'liema grad tkun hekk ikkontribwiet jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara li batiet[52]. Dan iġib miegħu wkoll tnaqqis proporzjonali fil-kumpens li jkun mod ieħor dovut lill-persuna li tkun tat hija nnifisha r-raġuni għal dak li ġralha. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan ir-rigward, m'hemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew frazzjoni oħra[53], u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-provi riżultanti[54]. Jista' għalhekk ikun li l-kontributorjeta' għall-ħsara tkun tali li tkun għal kollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il-ħsara[55]. Dan kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li *onus incumbit ei qui dixit*, u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjeta' tal-persuna mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha;

Illi minħabba li kull inċident għandu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, wieħed ma jistax jgħid minn qabel fiex tkun tikkonsisti l-kontributorjeta' min-naħa tal-persuna mġarrba. Madankollu, b'linja ta' prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjeta' fejn persuna tonqos milli tħares xi obligu jew rabta dettata mil-liġi. Bosta drabi, din l-imġiba trid tkun saret bir-rieda tal-persuna mġarrba u timxi id f'id mal-massima li *volenti non fit iniuria*;

Illi huwa mgħallem u aċċettat b'awtorita' li biex tirnexxi l-imsemmija difiża, il-parti li tqajjem dik l-eċċezzjoni trid turi li l-parti mġarrba (i) kienet għażlet li twettaq xi ħaġa li esponietha għal riskju, (ii) li dik l-għażla tkun waħda volontarja u (iii) li meta l-parti aċċettat, hija kienet tagħraf bis-sħiħ l-għamla u l-possibilita' tar-riskju li dieħla għalih[56]. Dawn l-elementi marbutin u mħaddma flimkien iservu biex jaqtgħu il-ġrajja dannuża mir-rabta tagħha mal-effetti li ġġib u dan billi l-egħmil tal-parti mġarrba jaqta' r-rabta tal-kawżalita' mill-egħmil tal-parti l-oħra[57]. L-aspett tal-volontarjeta' f'dak li tkun għażlet li tagħmel il-parti mġarrba huwa element partikolari li jiddistingwi dik l-imġiba minn waħda li tkun l-effett ta' att ta' ubbidjenza għal ordni ta' ħaddieħor[58];

Illi l-Awtorita' mħarrka ippruvat b'saħħa tifli lill-attur Paċe f'kontro-eżami dwar jekk kienx tassew qiegħed isuq bil-veloċita' li huwa semma u jekk

[52] Art. 1051 tal-Kap 16
[53] App. Ċiv. **20.1.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Galdes vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.59**)
[54] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Onorato Buġeja vs Dennis Aġius***
[55] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Fenech vs Rook Construction Ltd et***
[56] Ara s-sentenza riċensjuri P.A. RCP **31.5.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Kevin Żammit vs Maltapost p.l.c.*** (mhix appellata)
[57] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et*** (mhix appellata)
[58] P.A. GCD **7.12.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Polidano vs Korporazzjoni Enemalta*** (mhix appellata)

ukoll kienx xurban x'ħin sar l-inċident. Il-Qorti kellha l-opportunita' tifli x-xhieda li ħarġet u minn dik ix-xhieda ma ħariġx li l-Awtorita' seħħilha turi li fil-ħin tal-inċident l-attur Paċe kien qiegħed isuq b'mod traskurat. Lanqas ma ħareġ li l-imsemmi attur kien qiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni fejn ġab b'idejh il-ħsara li ġrat lill-karozza tiegħu. Għall-kuntrarju, intwera li dak li għadda minnu ma kienx jista' jitbassar sa dak il-ħin li l-karozza inbarmet fil-ħofra u faqgħet ir-rota ta' quddiem. Minn dak il-waqt 'l hemm, l-attur Paċe ma setax jikkontrolla l-karozza aktar u stabat mal-bankina tan-naħa tax-xellug tiegħu ftit 'il barra mill-mini li kien ħareġ minnhom;

Illi minbarra dan, l-Awtorita' mħarrka ma tistax tistkenn wara x-xilja tan-negliġenza tas-sewwieqa biex twarrab minn fuqha l-obbligu li twettaq b'responsabbilta' dak li l-liġi tistenniha twettaq fejn jidħlu ż-żamma f'kundizzjoni tajba u t-tiswijiet tat-toroq li jaqgħu taħt il-mansjonijiet tagħha[59];

Illi fil-fehma tal-Qorti u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li saru aktar qabel, l-Awtorita' mħarrka ma seħħilhiex tipprova illi l-attur kien qed isuq b'mod imprudenti jew traskurat meta l-karozza tiegħu daħlet fil-ħofra li kien hemm fit-triq u għaldaqstant ma tistax tistrieħ fuq din id-difiża;

Illi dwar **l-ammont ta' danni mġarrba mill-atturi**, GMI ressqet prospett tal-kumpens imħallas lill-assikurat tagħha Paċe biex issewwiet il-karozza u biex għamlet tajjeb għall-ħsara mġarrba. Mill-atti jirriżulta illi filwaqt illi l-imħarrkin talbu u ngħataw spjegazzjoni mill-atturi dwar kif l-atturi waslu għall-ammont mitlub fit-tieni talba tagħhom[60], ma jirriżultax lill-Qorti illi l-imħarrkin jikkontestaw tabilħaqq is-siwi ta' dawn l-ammonti. Min-naħa l-oħra, il-Qorti fliet sewwa l-provi mressqa minn GMI f'dan ir-rigward u tara li dawn isostnu t-talba tagħha b'mod dettaljat[61];

Illi għaldaqstant l-ammonti sejrin jitqiesu bħala pruvati kif imiss u jirrappreżentaw l-ammont ta' danni li jixraq ikunu likwidati favur l-atturi, liema ammont iġib is-somma mitluba fir-Rikors Maħluf jiġifieri tnax-il elf mitejn u erbgħa u sittin euro u tlieta u tletin ċenteżmi (€ 12,264.33);

Illi jifdal li l-Qorti tqis il-kwestjoni dwar **min hu responsabbli għall-ħsarat imġarrba**. Dan l-istħarriġ huwa l-aktar meħtieġ fid-dawl tal-**ewwel eċċezzjoni preliminari** mqajma mill-imħarrek Kunsill Lokali Ħal Kirkop li tgħid illi ladarba l-inċident seħħ fi triq arterjali, għaldaqstant

---

[59] App. Inf. PS **23.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Hugh P Żammit noe vs Direttur tat-Toroq et***
[60] Xhieda ta' Max Borġ Bonello f'paġġ. 209 sa 213 tal-proċess
[61] Dokti "RB", "X1" u "X2", f'paġġ. 179 – 182 u 206 – 7 tal-proċess

huwa mhuwiex responsabbli miż-żamma fi stat tajjeb u lanqas mit-tiswijiet meħtieġa f'din it-triq;

Illi filwaqt li ħareġ li tabilħaqq li l-post fejn sar l-inċident jikkostitwixxi triq arterjali li ma tagħmilx mal-kompetenza jew taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsill imħarrek, wieħed jista jgħid li din l-eċċezzjoni ġiet sorvolata mill-istqarrija tal-Awtorita' imharrka nnifisha fil-mori tal-proċeduri meta ikkonfermat illi t-tiswijiet meħtieġa f'dik il-parti tat-triq kienu jaqgħu f'idejha[62]. Dan ifisser li l-Kunsill imħarrek ma kienx imdaħħal f'ebda responsabbilta' f'dak li ġralu l-attur Paċe;

Illi fid-dawl ta' din il-konsiderazzjoni l-Qorti ma tarax il-ħtieġa li tistħarreġ aktar fuq din l-eċċezzjoni preliminari u sejra tilqagħha billi teħles lill-Kunsill imħarrek milli jibqa' aktar fil-kawża. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis ukoll waħda mis-sottomissjonijiet magħmula mill-għaref difensur tal-atturi waqt it-trattazzjoni bil-fomm tiegħu quddiemha u fejn għamilha ċara li "t-*target* prinċipali" ma kienx il-Kunsill imħarrek[63];

Illi l-atturi jitolbu wkoll illi jitħallsu tal-ispejjeż, inklużi dawk marbuta mal-ittra uffiċjali mibghuta minnhom lill-imharrkin fis-6 ta' Jannar, 2010, u li prova ta' dan l-att ġudizzjarju tinstab fl-atti tal-kawża. Għalhekk, it-talba hija mistħoqqa wkoll;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** mressqa mill-imħarrek Kunsill Lokali Kirkop u ssib li ma huwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi u b'hekk teħilsu mill-osservanza tal-ġudizzju;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet fil-mertu** tal-Awtorita' mħarrka bħala li mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-Awtorita' mħarrka waħedha taħti għall-ħsarat imġarrba mill-atturi fl-inċident li seħħ fl-24 ta' Diċembru, 2008, ftit 'il barra mill-mini ta' Ħal Kirkop meta l-karozza tal-għamla *Porsche* reġistrata CIA-025 tal-attur Simon Paċe, assikurata mal-kumpannija attriċi, daħlet f'ħofra fl-imsemmija triq;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida d-danni mġarrbin mill-atturi fl-ammont ta' tnax-il elf, mitejn erbgħa u sittin ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€12,264.33);

[62] Xhieda tal-A.I.Ċ. Edric Micallef f'paġġ. 132 u 194 tal-proċess
[63] Ara paġ. 213B tal-proċess

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** billi tikkundanna lill-Awtorita' mħarrka tħallas l-imsemmija somma ta' tnax-il elf, mitejn erbgħa u sittin ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€12,264.33) lill-atturi bejniethom bħala danni hekk likwidati; u

**Tordna** li l-Awtorita' mħarrka tħallas l-**ispejjeż tal-kawża**, flimkien mal-ispejjeż marbuta mal-ittra uffiċjali tas-6 ta' Jannar, 2010 bl-imgħaxijiet legali mill-istess data sal-ġurnata tal-pagament effettiv, minbarra l-ispejjeż tal-Kunsill Lokali mħarrek, li jitħallsu mill-atturi.

**Moqrija.**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**28 ta' Jannar, 2016**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**28 ta' Jannar, 2016**